# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2603

**Kaz Nru: 3486/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Carmel Formosa Holt (805660M)**

**u**

**Kane Pisani (404489M)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 12 ta' Gunju, 2019**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Carmel Formosa Holt fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar t-31 t'Awwissu, 2016, fejn sostna li l-impjieg tieghu gie terminat b'mod ingust. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret ghal ragunijiet validi fil-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm seba' (7) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Carmel Formosa Holt li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Dr. Andrew Borg Cardona.

Kane Pisani li minn issa l-quddiem ser jissejjah is-socjeta' ntimata kien assistit minn Dr. Chris Cilia.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat ma' Kane Pisani bhala *mechanic*, u dan sa mit-3 t'Ottubru, 2015. Pisani min-naha tieghu kien ikkuntrattat mill-Malta Public Transport sabiex iforni servizzi ta' manutenzjoni u tiswijiet fuq il-*buses* tal-kumpanija. Dan kien l-uniku kuntratt ta' forniment ta' servizzi li kellha s-socjeta' ntimata.

L-impjieg tal-Appellant kien gie fi tmiemu nhar is-6 ta' Mejju, 2016, bir-raguni li kienet tnizzlet fit-*termination form* tal-Jobsplus tindika li kien ghadu fuq '*probation*'.

Is-socjeta' ntimata tghid li dan kien sar bi zball, u li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-Appellant kienet sehhet minhabba li huwa ma kienx jahdem bir-ritmu mistenni u kien idum sabiex ilesti x-xoghol assenjat lilu, minkejja li kienet spiss tingibidlu l-attenzjoni.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Kane Pisani** beda x-xhieda tieghu billi kkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni li huwa kien ipprezenta precedentament. Huwa qal li huwa persuna *self-employed* fejn mieghu ghandu ngaggati mpjegati. Huwa spjega li ghandu kuntratt ta' forniment ta' servizz mall-Malta Public Transport fejn jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni u tiswijiet fuq ix-xarabanks ta' l-istess kumpanija. Ix-xhud qal li l-kuntratt li ghandu mall-MPT dahal fis-sehh f'Mejju 2016, pero' hu kien ilu sa minn April 2015 joffri tali servizz. Dan qalu filwaqt li nforma li dak kien l-uniku kuntratt ta' xoghol li ghandu, ghad li huwa liberu li jista' joffri tali servizzi lil haddiehor. Dwar in-numru ta' mpjegati x-xhud qal li ghandu sitta, l-istess bhal meta kien ghadu mpjegat mieghu l-Appellant.
Ix-xhud wara ghadda jispjega li l-impjegati jahdmu fuq sistema ta' zewg xiftijiet, wiehed mis 07.00 sat 15.30 u l-iehor mill 22.00 sas 06.30 qal li l-Appellant kien impjegat bhala *mechanic*.
Ix-xhud stqarr li bhala kwalita ta' xoghol ma' l-Appellant qatt ma kellu problemi ghaliex huwa jaf sew is-sengha. Spjega pero' li l-problema kienet li kien idum wisq biex jaghmel bicca xoghol, u dwar dan kienet tingibed l-attenzjoni min-naha tal-MPT ghaliex l-andament tax-xoghol kien ikun moniterjat minn *Supervisors*

taghha. Huwa spjega li spiss kienet tingibidlu l-attenzjoni dwar dan id-dewmien ta' l-Appellant mis-Supervisor tal-MPT fejn kien iheggu sabiex ikellem lill-Appellant dwar dan. F'dan il-kuntest ix-xhud ta ezempju fejn bicca xoghol (qlugh ta' rota) li normalment tiehu 20 minuta l-Appellant kien idum 45 minuta u ezempju iehor fejn xoghol partikolari (*king-pin*) jiehu bejn 3-4 sieghat u l-Appellant qatt ma ghamlu f'anqas minn 5 sieghat. Ix-xhud qal li meta kien jistaqsih ghaliex dan id-dewmien, fil-maggoranza tad-drabi kien jirrispondih b'xi skuza bhal li habbtitu skorfina jew xi *bolt* li ma riedx jinqala.

Spjega li wara li kien ikellem lill-Appellant dwar dan, kien jaghmel hmistax tajjeb u wara jerga' jibda jmajna u jiehu x-xoghol bil-mod.

Ix-xhud spjega li wara li l-MPT diversi drabi jigbdulu l-attenzjoni dwar l-operat tal-Appellant, min-naha taghhom kienu nfurmawh li lill-Appellant ma rieduhx aktar bhala parti mis-servizz ghaliex kienu qeghdin jikkunsidraw din is-sitwazzjoni bhala wahda li kienu qeghdin jinsterqu ghaliex ma kienux qeghdin jiehdu l-valur tax-xoghol li kienu qeghdin ihallsu ghalih. Ix-xhud qal li f'dawk ic-cirkostanzi ma kellux triq ohra ghajr li jwissih illi jekk ma kienx ser jara kambjament fl-*output* tieghu meta komparat ma' shabu kien ser jitterminalu l-impjieg fl-ahhar tal-gimgha.

Ix-xhud stqarr li l-Appellant baqa' ma wera l-ebda titjijb fix-xoghol tieghu, u fl-ahhar ta' dik il-gimgha nfurmah li ma setax jibqa' jhaddmu aktar.

Ix-xhud spjega li kull impjegat kien jigi assenjat bicca xoghol u li din kienet tigi rekordjata fuq *job-card* li kienet timtela' mill-impjegat, bid-dettalji ta' x'kienet il-bicca xoghol, x'involviet, fi x'hin inbdiet u fi x'hin tlestiet. F'dan il-kuntest ix-xhud ipprezenta kampjun tal-*job-cards*, fejn spjega xi xoghol li kien ghamel l-appellant, kemm dam jaghmlu u kemm jistma li suppost ha hin biex ilestih. F'dawn l-ezempji x-xhud spjega kemm l-Appellant dam hafna izjed minn dak mistenni, u dan meta kkompara *job-cards* tal-Appellant ma' dawk ta' haddiehor fuq xoghol simili.

Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega episodju fejn hu kien qed ihallas b'mod zbaljat *bonus* statutorju pero' meta ngibditlu l-attenzjoni dwar dan mid-DIER dan l-izball gie rrangat, fejn kull impjegat inkluz l-Appellant gie mhallas dak kollu dovut lilu.

Ix-xhud spjega ukoll ghaliex fit-*termination form* tal-ETC kien nizzel li l-impjieg tal-Appellant kien gie mitmum waqt il-*probation*. Qal li dan kien sar ghaliex peress li kellu l-ahhar kuntratt imgedded inqas minn sitt xhur qabel li ntemm l-impjieg haseb li kien korrett li nizzel ir-raguni bhala li kien ghadu fuq il-*probation*. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li l-Appellant kien ilu izjed minn 6 xhur jahdem mieghu. Ix-xhud stqarr li dik kien imliha hekk sabiex ma johloqx xi diffikulta lill-Appellant biex isib xoghol. Ix-xhud qal li hu kien sar jaf li l-Appellant kellu xewqa li jmur jahdem direttament mall-MPT kif kien ghamel impjegat iehor pero' dan ma kienx irnexxielu.

Qal ukoll li jaf li wara li spicca minn mieghu, l-Appellant kien beda jahdem ma' Jesmond Pulis li kien jibdel it-*tyre*s tal-vetturi tal-MPT, pero' wara xi xahar ma

rahx aktar. Ix-xhud qal li wara t-tmiem tal-impjieg tal-Appellant kien impjega mieghu lil Simon Zahra u dan ghaliex kellu bzonn ta' mpjegat iehor minfloku.

**Adam Farrugia** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa ilu jahdem mall-Malta Public Transport kwazi 5 snin bhala *Assistant Engineering Manager*. Huwa qal li jaf lil Kane Pisani fuq ix-xoghol peress li huwa jaghti servizzi ta' *mechanics* lill-MPT bhala *sub-contractor*. Ix-xhud qal li Pisani jaghti dawn is-servizzi lill-MPT biss u dan permezz ta' diversi persuni li jahdmu fuq xiftijiet kemm filghodu u anke bil-lejl. Ix-xhud qal li s-servizz moghti minn Pisani jigi moniterjat permezz ta' *job-cards*, li fihom ikun hemm id-dettalji tal-vettura li fuqha jkun sar ix-xoghol, x-tip ta' xoghol li jkun sar, bil-gurnata u l-hin u l-hin li jkun gie utilizzat sabiex ikun sar ix-xoghol.
Ix-xhud kompla li lill-Appellant jafu bhala wiehed mill-*mechanics* impjegati ma' Pisani u li kien jaghmel xoghol ghall-MPT.
Ix-xhud stqarr li l-moniteragg tal-*job-cards* kien isir minnu. Huwa zied li meta kienu jsiru osservazzjonijiet bhal li jinqabez il-hin utilizzat ghal xi bicca xoghol kienet tingibed l-attenzjoni ta' Pisani. Huwa qal li l-*job-card* tkun iffirmata mill-*mechanic* koncernat.
Ix-xhud stqarr li lill-Appellant gieli gibidlu l-attenzjoni hu personalment fir-rigward ta' dewmien fit-tlestija tax-xoghol. Dwar ix-xoghol li kien jaghmel l-Appellant, ix-xhud qal li bhala kwalita dan kien ikun tajjeb, izda kien igebbed il-hin sabiex isir l-*overtime*. Ix-xhud qal li huwa jaghmel xoghol ta' sorveljanza fuq il-lant tax-xoghol b'mod kontinwu. Ix-xhud qal li kienu diversi d-drabi li huwa kien iwissi lill-Appellant u anke kien iwassal l-ilmenti tieghu lil Pisani. Huwa kompla li wara li kien ikun kellem kemm lill-Appellant personalment u anke lil Pisani s-sitwazzjoni kienet tirranga ghall-perjodu ta' zmien, imbaghad wara s-sitwazzjoni terga' tigi lura kif kienet. Ix-xhud spjega li meta s-sitwazzjoni baqghet tippersisti min-naha tal-Appellant, bhala MPT kellmu lil Pisani fejn infurmawh li l-affarijiet fir-rigward ta' kif kien qed jahdem l-Appellant ma setghux jibqghu sejrin hekk ghaliex ghall-hlas li kienu qeghdin jaghmlu ma kienux qed jircievu s-servizz kif kien jixraq. Ix-xhud tenna li dawn l-ilmenti kienu jsiru biss fir-rigward tal-Appelant u mhux fir-rigward ta' *mechanics* ohra.

**Joseph Grixti** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa mpjegat mall-Malta Public Transport u dan fil-kariga ta' *Supervisor*. Huwa spjega f'certu dettall id-doveri tieghu fejn qal li dan huwa konness mall-manutenzjoni u tiswijiet ta' hsarat fuq il-buses tal-kumpanija. Huwa qal li meta ma jkunx xoghol Kane Pisani li huwa l-kuntrattur inkarigat sabiex jesegwixxi x-xoghol ta' *mechanics*, ix-xoghol iqassmu hu lill-impjegati ta' Pisani.
Ix-xhud qal li lill-Appellant jafu fuq il-lant tax-xoghol meta huwa kien impjegat ma' Kane Pisani. Huwa qal li bhala kwalita ta' xoghol kien jaghmel xogholu sew izda kellu nuqqasijiet f'dak li huwa hin li juza sabiex ix-xoghol ilestieh. Ix-xhud qal li kienu diversi d-drabi li kien gibidlu l-attenzjoni dwar dan id-dewmien u

anke gieli wassal tali lmenti lis-Superjur tiegħu Adam Farrugia u anke lil Pisani. Ix-xhud wara għadda sabiex ta ezempji ta' cirkostanzi fejn xogħol li kien inkarigat minnu l-Appellant dam biex tlesta. Huwa qal li dan id-dewmien kien isir spiss, fejn fil-bidu kien jigbidlu l-attenzjoni hu (x-xhud) u wara kien jgħid lil Pisani. Huwa qal li wara li kienet tingibidlu l-attenzjoni, s-sitwazzjoni kienet tirranga għal xi ftit granet izda wara jerga' lura għal li kien.

**Shawn Pisani** beda billi qal li huwa jigi hu Kane Pisani fejn ilu jaħdem ma' huh għal madwar sentejn bħala *mechanic*. Huwa qal li meta huh ikun assenti minn fuq il-lant tax-xogħol apparti d-doveri normali tiegħu jiehu hsieb ukoll tal-lavranti l-oħra. Huwa qal li lill-Appellant jafu peress li kien jaħdem bħala *mechanic* magħhom. Ix-xhud wara għadda sabiex ta deskrizzjoni dettaljata tal-lant tax-xogħol u kif jigi kondott ix-xogħol ta' manutenzjoni u tiswijiet ta' hsarat fuq il-*buses* tal-MPT.
Huwa ddeskriva lill-Appellant bħala li fuq bicca xogħol idum wisq izjed minn haddieħor sabiex ilestiha. Ix-xhud qal li dwar dan spiss kien jircievi lmenti mingħand ix-*shift leaders*. Ix-xhud qal li meta kien ikellem lill-Appellant dwar dawn l-ilmenti, huwa (l-Appellant) kien iwiegeb li kien iħabbtu x-xogħol.
Ix-xhud qal li jaf li wara li kien spicca minn magħhom, l-Appellant kien ipprova jidhol jaħdem direttament mall-MPT izda dan ma sehhx, pero' jaf li kien għamel xi zmien qasir jaħdem ma' certu x-Xelinu li kien ikkuntrattat jagħmel xogħol fuq it-*tyres* ma' l-MPT.

**Conan Saliba** beda x-xhieda tiegħu billi qal li huwa jaħdem bħala *mechanic* ma' l-MPT u qabel kien hadem l-istess xogħol ma' Kane Pisani għal madwar 4 xhur. Huwa qal li jaf lill-Appellant għaliex kien jaħdem bħala *mechanic* fuq l-istess lant tax-xogħol miegħu. Huwa qal li l-Appellant kien idum sabiex ilesti bicca xogħol u din kienet tkun spiss. Huwa qal li huwa jaf li kienu jsiru diversi lmenti dwaru mix-*shift leaders* tal-MPT u sar jaf aktar minn meta gie mpjegat mall-MPT. Ix-xhud stqarr li huwa spiss kien jara lill-Appellant jillarga minn fuq il-lant tax-xogħol. Ix-xhud għalaq billi qal li bħala kwalita ta' xogħol, dik tal-Appellant kienet normali izda l-ilmenti kienu jsiru minħabba li kien idum hafna aktar sabiex bicca xogħol ilestiha.

**Carmel Formosa Holt,** l-Appellant beda x-xhieda tiegħu billi qal li huwa kien dam jaħdem ma' Kane Pisani seba' xhur. Dwar it-temm tal-impjieg tiegħu x-xhud qal li Pisani kien qallu li kien ser iwaqqfu għaliex ma kienx itella' x-xogħol. Huwa spjega li kull meta kien jimla l-*job card* tax-xogħol Pisani dejjem kien 'jgħidli għax hekk u għax hekk', voldieri kien jilmenta fuq il-mod kif sar ix-xogħol għax ikun hemm dewmien. Huwa spjega li bicca xogħol xi drabi teħel fiha, u qal li gieli tkellem ma' Pisani fuq xi bicca xogħol li kienet tħabbtu. Huwa sostna li s-*Supervisors* tal-MPT li kienu jilmentaw dwar xogħolu kienu bicca waħda ma' Kane Pisani, u li dawn kienu miftehmin miegħu sabiex ikeccieh.

F’dan l-ambitu ix-xhud tenna li sa mill-bidu nett tal-impjieg tieghu mieghu Pisani kien jigbidlu l-attenzjoni dwar li kien qed idum biex ilesti bicca xoghol meta komparat ma’ shabu.
Ix-xhud qal li waqt l-andament tax-xoghol bhala supervizjoni kien ikun hemm *Supervisors* tal-Malta Public Transport fosthom Adam Farrugia u Joe Grixti.
Huwa spjega li meta kienu jidhlu xoghol kienu jiffirmaw fi x’hin dahlu u kien inizzel il-hinijiet li jkun beda u spicca bicca xoghol fuq il-*job-card.* Ix-xhud kompla li Pisani kien ikun fuq il-lant tax-xoghol izda filghaxija Pisani ma kienx ikun hemm, izda kien ikun hemm jissorvelja *Foreman* tal-Public Transport. Ix-xhud sostna li xi drabi x-xoghol kien idum biex ilestih ghaliex ma kienx ikollu l-ghodda adekwata, tant kompla x-xhud li kien igib l-ghodda personali tieghu biex jahdem. Dwar dan ix-xhud qal li gieli anke qal lis-*Supervisors* tal-MPT. Ix-xhud stqarr li Pisani kien qallu li ghalxejn qieghed jipprova jidhol jahdem mall-Public Transport ghaliex ma kienx ser jirnexxilu. Tant kompla x-xhud li meta tefa’ applikazzjoni ghal mall-MPT kien tkellem ma’ xi hadd u filwaqt li qatalu qalbu li jidhol, qallu li kellu ngropp. Huwa tenna li wara li spicca minn ma’ Pisani kien ghamel xi zmien ma jahdimx izda issa qieghed jahdem ma’ Mark Crane Services bhala *Foreman.*

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Andrew Borg Cardona** ghan-nom tal-Appellant beda l-argumenti tieghu billi qal li dan il-kaz huwa kaz fattwali fejn m’hemmx problemi legali. Huwa kompla li dak li jrid jevalwa t-Tribunal huwa jekk l-Appellant inghatax ic-cans li jirrispondi ghall-ilmenti tal-principal. Wara dan, kompla Dr. Borg Cardona t-Tribunal ghandu jara jekk il-gravita tal-kaz hu x’inhu jimmeritax il-piena massima. F’dan id-dawl, l-Avukat tenna li kien prematur illi l-Appellant jitkecca. Huwa kompla li seta’ nghata aktar cans biex jekk kien hemm nuqqasijiet jitrangaw.

**Avv. Chris Cilia** ghan-nom tas-socjeta’ ntimata beda t-trattazzjoni tieghu billi qal illi l-kaz ittrattat m’huwiex kif qed jigi prospettat mill-parti l-ohra, u dan ghaliex l-impjieg tal-Appellant kien ma’ kuntrattur fejn l-uniku kuntratt ta’ xoghol li kellu kien mall-MPT. Huwa spjega li l-MPT bhala l-uniku klijent li kellu l-Employer li mieghu kien impjegat l-Appellant kien qed jghid lill-*Employer* ‘ isma ara x’ser taghmel bih ghax dan ma rridux aktar hawn, dan mhux qed jirrendi….’.
Dr. Cilia tenna li d-decizjoni li jintemm l-impjieg ma ttehditx ma’ l-ewwel darba li l-Appellant wettaq xi nuqqas izda sehhet wara li ghal diversi drabi ngibditlu l-attenzjoni. Attenzjoni li ma gietx migbuda biss mill-*Employer* tieghu izda anke minn min kien qed jircievi s-servizz u cjoe’ minn ufficcjali tal-MPT.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan it-Tribunal xtarr bir-reqqa dovuta kull dettall li hareg waqt dan il-process u b'mod partikolari jekk dak li kien mixli bih l-Appellant kienx kif allegat. Ried jiggudika wkoll jekk jirrizulta hekk, dan il-kaz kienx jimmerita s-sanzjoni estrema ta' tkeccija jew kienx hemm il-lok li jinghata xi kastig anqas ahrax. Jirrizulta b'mod car li mill-provi prezentati, kienu diversi d-drabi fejn l-Appellant kien imwissi dwar id-dewmien fit-tlestija tax-xoghol tieghu. Tali twissijiet gew moghtija lilu sija mis-superjuri diretti tieghu u anke minn ufficcjali tal-MPT, li ghalija kien qed jinghata s-servizz.

Adam Farrugia *Asst.Eng.Mngr,* mall-MPT fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Dicembru, 2016, qal hekk '... u nghidlu dan ix-xoghol ma jiehux daqshekk hin u kemm il-darba ninsistilu jhaffef daqsxejn. Hu xogholu jaghmlu tajjeb, il-problema li xogholu dejjem jgebbdu biex kemm jista' jkun jaghmel l-*overtime*. Joseph Grixti *Supervisor* mall-MPT fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Dicembru, 2016, qal hekk '... Karm haffef, m'ghandekx tahli daqshekk hin.' 'l-istorja kienet ripetuta...dejjem johrog b'xi skuza, nqbadt bix-xoghol ghax kelli *bolt* iebes.'

L-Appellant stess fix-xhieda tieghu qatt ma cahad li tali twissijiet inghatawlu anke jekk dwar dak li xehdu l-Ufficcjali tal-MPT fix-xhieda tieghu qal '...daka jigbdu l-moqdief tieghu (ta' Kane Pisani).' '...Kane Pisani miftiehem maghhom biex ikeccuni.... ftiehem maghhom ma' kull pampalun li hemm hemm gew.'

It-Tribunal huwa sodisfatt li l-agir tal-Appellant kif allegat mis-socjeta' ntimata gie effettivament ippruvat.

B'dana kollu jiggustifika t-tkeccija mill-impjieg ta' l'Appellant?

Dan it-Tribunal filwaqt li diversi drabi rrefera ghat-tkeccija mill-impjieg fil-kuntest ta' dixxiplina bhala l-piena kapitali, ma jeskludiex li f'certi cirkostanzi tali piena massima tinghata. U ghalhekk li t-test tas-sufficjenza huwa necessarju biex it-tezi tas-socjeta' ntimata jkollha success.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-Appellant kien inghata cansijiet bizzejjed sabiex jirranga l-operat tieghu qabel ittiehdet d-decizjoni li jigi mkecci, nkluz twissija cara li jekk mhux ser jirranga kien ser jintemmlu l-impjieg. Kane Pisani li kien l-*Employer* tal-Appellant fix-xhieda tieghu tas-26 t'Ottubru, 2016, b'mod specifiku qal hekk 'Ghidtlu Karmenu, jekk inti f'din il-gimgha li gejja m'intiex ha zzid l-*output* tieghek, m'intiex ha tirranga fix-xoghol biex tigi tahdem daqs l-impjegati l-ohrajn, jien ha jkolli nitterminak...... Karmenu baqa' jahdem l-istess, dhalt il-Gimgha filghodu ...... u avzajt lil Karmenu biex ma jigiex iktar ghax-xoghol....'. Ma kinitx tkeccija sommarja, izda kienet penali pre-avvizata jekk l-affarijiet ma jitrangawx.

It-Tribunal qies ukoll il-fatt li l-kuntratt tal-forniment tas-servizzi li s-socjeta' ntimata kellha mall-MPT kien l-uniku kuntratt ta' xoghol li hija kellha. Dan ifisser li anke kieku ghas-sahha tal-argument l-Appellant kien jinghata piena differenti s-socjeta' ntimata ma setghetx tnehhih minn fuq dak il-lant u thaddmu x'imkien iehor ghaliex ma kellhiex fejn.

Min-naha tal-MPT l-messagg lejha kien wiehed car u inekwivoku. Adam Farrugia *Asst.Eng.Mngr,* mall-MPT fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Dicembru, 2016, b'referenza ghal dak diskuss ma' Kane Pisani dwar il-komportament tal-Appellant qal hekk '..... ma konniex qeghdin niehdu ta' dak li qeghdin inhallsu u ma nistghux nibqghu sejrin b'din is-sitwazzjoni, irid jara x'ser jaghmel hu.... Jien kont qed nirreferi ghas-Sur Formosa....specifikata fuq Formosa Holt'.
It-Tribunal xtarr ukoll b'attenzjoni partikolari dak li sahaq fuqu l-Appellant u cjoe' li akkost ta' kull skuza s-socjeta' ntimata f'sintonija ma' Ufficcjali tal-MPT riedet ittemmlu l-impjieg tieghu. It-Tribunal jaghraf li d-durata tal-impjieg in kwistjoni kienet ta' 7 xhur biss, fejn matulhom kienu nghataw diversi twissijiet lill-Appellant dwar nuqqasijiet fl-operat tieghu. Li kieku kien minnu li s-socjeta' akkost ta' kollox riedet tkeccieh, din setghet taghmlu qabel, u cjoe' meta huwa kien ghadu fil-*probation period*. Perjodu fejn in konformita mal-ligi setghet ittemmlu l-impjieg minghajr ma taghti raguni.
Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li d-decizjoni mehuda mis-socjeta' ntimata li ttemm l-impjieg tal-Appellant apparti r-ragunijiet kif diga' spjegat, haditha ukoll sabiex ma jkunx perikolat l-uniku kuntratt ta' xoghol li kellha, u allura wkoll sabiex ikunu mharsa l-impjiegi tal-haddiema ohra.

- **Decizjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, dan it-Tribunal jiddeciedi billi jsib li l-Appellant gie licenzjat ghal-ragunijiet validi u gusti.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Is-Sur Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**